MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2013

Numru. 1202/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**CARMEL MICALLEF**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Carmel Micallef bin il-mejjet Emmanuele u Gaudenzia nee' Schembri, imwieled Zebbug, nhar il-31 ta' Ottubru 1952, residenti 9, Triq San Guzepp, Sqaq nru. 1, Zebbug, detentur tal-karta ta' l-identita numru 798752M

Gie akkuzat:

a) Talli nhar id-9 ta’ Novembru 2008, ghall-habta tat-3.30pm gewwa Central Bar, Triq tad-Dawl, Zebbug kif ukoll fl-istess triq, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta’ Micheal Farrugia f’periklu car, ikkagunalu griehi ta’ natura gravi fil-gisem jew fis-sahha, skond kif iccertifikat Dr. Chloe’ Bugeja mill-Casualty Department ta’ l-isptar Mater Dei:

F’kaz ta’ htija il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Micheal Farrugia ai termini ta’ l-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet trattazzjoni.
Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu datata 2 ta’ Gunju, 2009 u li tinsab a fol. 49 tal-Process u nnutat li l-imputat Carmel Micallef m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-Istqarrija ta’ Carmel Micallef moghtija fl-4 ta’ Dicembru 2008 fl-Ghassa tal-Pulizija Qormi fejn dan stqarr:

“M: Int tahdem?

T: Jien ghandi hanut jismu Central Bar, Triq tad-Dawl, Zebbug.

M: Kemm ilek b’dan il-hanut?

T: Jien ilni xi 36 sena.

M: Nhar id-9 ta’ Noembru 2008 tista tghidli x’gara gewwa l-hanut ghal habta ta’ 3.30pm?

T: <u>Jien kont il-bar u kelli xi nies jaraw il-futbol. F’hin minnhom smajna t-tghaqqid tal-karozzi u wara nizzel minn go fiha Micheal Farrugia u dahal il-hanut. X’hin dahal dan</u>

gie fuqi u beda joffendi u jghajjarni u mbad dahar fuq in-nies li kien hemm gol-hanut u sfidhom ghal glied ukoll. Jien x'hin rajt hekk tlabthom biex johorgu 'l barra biex nghalaq u biex nevita l-inkwiet izda hu ma rridx johrog u qabad il-banketta u kien se jitfaghha ghal go l-armatura. Jien irnexxili nohodilu minn idejh u ghadtlu biex johrog il barra u dan hareg u rikeb gol karozza. Jien ghalaqt il-bieb u ghadtlu li ha mur naghmel rapport l-ghassa. Dan x'hin sema hekk irvilla u nizzel ghalija u qabadni minnn sidhri u tefani fuq karozza u komplejna niggieldu. Mbaghad kien hemm Raymond u xi nies ohra li gew jifirduna. Jien mort l-ghassa Haz Zebbug izda kienet maghluqa b'hekk nzilt l-ghassa Hal Qormi u wara li haduli r-rapport baghtuni l-poliklinika tal-Furjana.

M: Waqt l-argument ma Micheal int erfajt idejk fuqu?

T: Le, hu beda jsawwatni u jien kull ma ghamilt idefendejt ruhi?

M: F'xi hin waqt l-argument inti gdimtu f'wiccu jew pruvajt tigdmu?

T: Qas naf x'gara dak il-hin kien qed isawwatni f'wicci u ma nafx x'gara.

M: Jekk nghidlek li nt gdimtu f'wiccu ezattament f'imniehru xi tghidli?

T: Ma nafx ma niftakarx.

M: Skond l-opinjoni tieghek dan Micheal kien xurban waqt l-argument?

T: Ma nafx.

M: Gieli kien hemm argumenti ohra qabel dan l-incident?

T: Iva dan zgur li kien hemm u keccejtu 'l barra kemm il-darba mill-hanut.

M: Ghaliex qed jinqalaw dawn l-argumenti bejnitkom?

T: Jien naf jien ma rridux hemm gew ghax joqghod jitqazez u jghidaj u jaghmel l-istorbju.

M: Carm ghaliex issa barra daghha u l-qsis dan wasal biex jerfa idejh fuqek?

T: Jien nahseb li ha ghalih ghax keccejtu.

M: Kemm kien ilu jigi l-bar tieghek dan Micheal?

T: Minn xi sitt snin ilu ‘l hawn u dejjem kien jgib ruhu hazin. Jien kemm il-darba kellimtu bil-kelma t-tajba izda qatt ma sema minni.

M: Gieli gejtu fl-idejn qabel dan l-incident?

T: Iva darba ohra ezatt ftit qabel madwar xi hmistax qabel kien hebb ghal hija gewwa l-hanut u xi xahar ilu kont mort l-ghassa naghmel rapport u kien gie warajha u kien refa idejh fuqi quddiem il-pulizija.

M: Sa fejn taf int dan Micheal ghandu xi problemi jew mill-karatru tieghu hekk?

T: Sa fejn naf jien le biss jilghabha tal-bulli fuq kulhadd.

M: Carm dan Micheal sofra gidma f’imniehru liema gidma hija offiza ta’ natura gravi. Int ghaliex ma hrabtx flok gdimtu f’wiccu?

T: Ma hallinhiex nahrab u dak il-hin kien qed itghini f’wicci u jien qas naf li gdimtu.

M: Tixtieq izzid xi haga ohra ma din l-istqarrija?

T: Jien kemm il-darba tlabtu biex ma jigiex il-bar izda hu biex jisfidani kien jigi apposta.” (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni tal-Ispettur Malcolm Bondin li fis-Seduta tal-20 ta' Jannar, 2009 qal:

"Nghid illi nhar id-9 ta' Novembru tas-sena 2008 jiena kont gejt infurmat minn WPS 21 li kien mar certu Carmel Micallef gewwa l-ghassa ta' Hal-Qormi biex jaghmel rapport li huwa kien safa aggredit minn certu Michael Farrugia gewwa Triq Tad-Dawl Haz-Zebbug. Din is-Surgenta kienet infurmatni li dana Carmel Micallef kien gab certifikat mediku li skont dan ic-certifikat dan kien qieghed isofri minn griehi ta' natura hafifa. Jiena tajt l-istruzzjonijiet lil istess Surgenta biex tkellem lil Michael Farrugia, cioe' l-individwu l-iehor li kien involut fl-istess glieda. Pero' dina xi hin wara kienet infurmatni li ma kinitx sabitu d-dar. U aktar tard l-istess Surgenta infurmatni li mart dana Michael Farrugia kienet infurmat lil istess Surgent li zewgha kien ittiehed l-isptar ghal aktar kura. Xi tliet ijiem wara is-Surgenta, l-istess Surgenta lili nfurmatni li kienet irceviet ic-certifikat mediku rigwardanti Michael Farrugia fejn kien gie konstatat li dan kien qed isofri minn griehi ta' natura gravi.

Nesebixxi dan ic-certifikat li qed jigi esebit u mmarkat bhala dok NB 3 u nghid illi dan ic-certifikat mediku huwa rilaxxat minn Dr Chloe Bugeja. Jien ghalhekk kont baghat ghal Carmel Micallef li qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Jiena kont hadtlu stqarrija dwar x'kien gara dakinhar. Qieghed nipprezenta din l-istqarrija bhala dok MB 4. Nghid illi din l-istqarrija dok MB 4 nikkonferma li hija stqarrija tal-imputat li qed naghrfu prezenti fl-Awla Carmel Micallef, hija datata 4 ta' Dicembru tas-sena 2008. Nikkonferma l-imputat inghata twissija skond il-Ligi u rrilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarja. Qed naghraf il-firma tieghi, dik ta' PS 539 Fabian Caruana kif ukoll tal-imputat Carmel Micallef li ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Dawn il-firem qed naghrafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat qalli kif kien sehh l-incident. Huwa qalli li huwa kien qieghed fil-bar u ghal habta ta' xi tlieta u nofs ta' wara nofsinhar waqt li hu kien qieghed jara l-loghba flimkien ma' xi klijenti li kien hemm fil-bar fuq it-television kien gie Michael Farrugia. Dan dahal gewwa hemmhekk u dan Michael Farrugia beda joffendi lil kulhadd u jistieden lil kulhadd ghal glied. L-imputat zied

jghid illi biex jevita l-inkwiet beda jghid lin-nies kollha li kien hemm gewwa biex jitilqu " barra. Huwa mar biex jaghlaq il-bieb. Hin minnhom qal illi ra lil Michael Farrugia jaqbad banketta u kien ser jitfaha lejn l-armarju fejn kien hemm ix-xorb pero' hu rnexxielu johodielu minn idu u ikkalma s-sitwazzjoni. Imbaghad kulhadd kien telaq 'il barra u Michael Farrugia kien sejjer lejn il-karozza tieghu. X'hin l-imputat qal lil Michael Farrugia li kien sejjer jaghmillu rapport l-Ghassa, Michael Farrugia hebb ghal imputat u gew fl-idejn. Meta jien staqsejt lil imputat jell hu kienx ghamel xi ferita fuq Michael Farrugia l-imputat wiegeb li ma jiftakarx.

Huwa qal li kien qieghed jaqla' f'wiccu u ma kienx jaf x'qed jigri dak il-hin. Imbaghad qal ukoll li kien hemm xi nies li qabel kienu gol-bar gew u firduhom. X'hin infirdu baqa' gej l-Ghassa u ghamel rapport lil Pulizija. Jiena staqsejt ukoll lil imputat jekk fil-passat kienx hemm xi argument iehor ma' Michael Farrugia u huwa qalli li xi zmien qabel kien hemm argument u kien ukoll spiccaw fl-idejn. X'hin jiena staqsejt lil imputat il-ghala kien qed jinqala dan l-inkwiet ta' spiss huwa qalli li Michael Farrugia kien keccih mill-bar ghax meta kien jigi hemmhekk kien jaqlalu l-inkwiet. U ghalhekk l-imputat qalli li hu jahseb li dan kien jaqlalu dan l-inkwiet u ghax kien keccih mill-bar.

Imbaghad Michael Farrugia x'hin hareg mill-isptar jiena kellimtu. Fejn dan kien qalli li dakinhar kien mar il-bar li huwa bl-isem Central Bar Triq tad-dawl Zebbug biex jiehu drink u meta dan dahal biex jiehu d-drink u dahal gol-bar, l-imputat kien keccih 'il barra. U l-imputat kien hebb ghalih bil-konsegwenza li soffra l-feriti kif konstatati fic-certifikat mediku esebit bhala dok MB 3."

Fl-istess Seduta in kontro ezami l-istess xhud qal:

"Nikkonferma li r-rapport lil Pulizija dwar l-incident kien sar mill-imputat u mhux minn Michael Farrugia. Nghid illi fil-kaz ta' Michael Farrugia kienu ttiehdu proceduri sommarji quddiem il-Qorti fid-Distrett ta' Hal-Qormi. Nghid illi jiena ccekjajt mas-sistema taghna tal-Pulizija u sibt illi precedentement kien hemm rapport iehor maghmul mill-

imputat fir-rigward ta' Michael Farrugia. Incident simili pero' ma kienx ta' entita' gravi daqs dan l-incident. Nikkonferma li jiena meta hadt l-istqarrija tal-imputat dana ikopera bis-shih mal-Pulizija. Nghid illi dwar dan l-incident kien hemm xhieda okulari."

Domandi minn Dr Marion Camilleri ghal Parte Civile

"Fuq domanda li qed issirli minn Dr Marion Camilleri nghid illi in kwantu ghal incident li kien jirrigwarda r-rapport precedenti li jiena semmejt dwaru kien jirrigwarda incident fejn Michael Farrugia kien laqat mutur ta' hu l-imputat."

F’dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ WPS 21 Ashley Bugeja fis-Seduta tal-20 ta' Jannar, 2009, qalet:

"Nghid illi fid-9 ta' Novembru 2008 u dan ghal habta tat-tmienja ta' filghaxija kien gie l-Ghassa ta' Hal-Qormi, kien gie Carmel Micallef li qeghda naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. fejn dan kien qal li waqt li huwa kien qieghed gewwa l-hanut tieghu Central Bar Triq tad-Dawl Zebbug, li kien qieghed flimkien mal-Klijenti tieghu jara l-futbol, dahal certu Michael Farrugia u dana ghal habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar ta' dakinhar stess. Dana beda jaghmel storbju shih u beda jidghi u beda joffendi lil istess Carmel Micallef. Kif ukoll heddu li jisparalu u jitfghu taht il-Kaptelli. Wara skond Carmel Micallef, Michael Farrugia qabad itih u Carmel Micallef iddefenda ruhu. Flimkien ma' Carmel Micallef kien gie l-Ghassa certu Raymond b'id number 295652(M). Skond dana Raymond dan kien qalli li kienu bil-kwiet jaraw il-futbol meta dahal Michael li beda joffendi lil kulhadd u gew fl-idejn, hu u cioe' Michael Farrugia u Carmel Micallef. X'hin Carmel Micallef hareg 'il barra biex jirraporta dak li kien gara lil Pulizija, Michael Farrugia hareg warajh u baqa' jtih fit-triq ukoll. Carmel Micallef gab certifikat mieghu minn Floriana Health Centre liema certifikat gie rilaxxat minn Dr Miriam Farrugia. Dina ccertifikatu li kien qed isofri minn griehi hfief.

Aktar tard Carmen Farrugia karta ta' identita numru 255757 (M) li tigi mart Michael Farrugia dina kkuntatjat l-Ghassa Hal-Qormi fejn dina qalet li zewgha Michael Farrugia kien mar l-isptar biex jaghmel certifikat. Imbaghad kien ingab certifikat gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zebbug liema certifikat mediku kien jindika illi Michael Farrugia kien qieghed isofri minn griehi ta' natura gravi. Qed nigi murija dok MB 3 u nikkonferma dan huwa certifikat mediku li mart Michael Farrugia ghaddiet lili fl-Ghassa ta' Haz-Zebbug. Imbaghad ikkuntatjajt lill-Ispettur Malcolm Bondin u biex dana ninfurmah dwar l-akkadut. Qeghda nipprezenta l-okkorenza rigwardanti dan il-kaz liema okkorenza dahhaltha jiena u hija minn ffirmata u qeghda tigi esebita u mmarkata bhala dok WAB 1." (Sottolinjar tal-Qorti)

Fl-istess Seduta in kontro ezami l-istess xhud qalet:

"Qed nigi mistoqsija mill-Avukat Difensur jekk jiena qabel ma mart Michael Farrugia kienet giet bic-certifikat mediku l-Ghassa jiena kontx mort ir-residenza ta' Michael Farrugia fuq ir-rapport li kien ghamel fl-Ghassa Carmel Micallef, nghid jiena personalment ma kontx mort. Jekk marx haddiehor jiena ma nafx. Nghid illi skond il-verzjonijiet ta' nies li kien hemm gol-bar u li jiena kellimt, dawn il-verzjoni li tawni qaluli li huma kienu qeghdin bil-kwiet jaraw it-television, partita futbol flimkien ma' l-imputat u dana qabel ma dahal Michael Farrugia fil-bar. Skond dak li qaluli l-inkwiet imbaghad inqala' meta Michael Farrugia imbaghad dahal fil-bar."

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Michael Farrugia li fis-Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009, qal:

"<u>Nghid illi jiena ghadni kif inghatajt it-twissija skond il-Ligi mill-Qorti u peress li nkghid li ghad ghandi kawza pendenti ta' natura Kriminali fil-konfront tieghi quddiem din il-Qorti diversament preseduta naghzel illi fis-seduta tallum ma nixhidx ghax nista' ninkrimina ruhi.</u>" (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Frans Felice li fis-Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009, qal:

"Nghid illi fid-9 ta' Novembru 2008 kont qieghed nara loghba tal-futbol gewwa Central Bar Haz-Zebbug u dan ghal xi tlieta ta' wara nofsinhar. Dahal wiehed u dana huwa Michael Farrugia u nghid dana Michael Farrugia qal lil tal-Bar biex jaghmlilna drink plus tal-hanut, li tal-hanut huwa Carmel Micallef li qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla u dan l-imputat qal lil Michael Farrugia biex ma jersaqlux 'l hemm. Imbaghad qalilna wkoll li konna qeghdin hemm gew biex nohorgu ghaliex huwa ried jaghlaq. Jiena hrigt u jiena qbadt u tlaqt lejn id-dar. Nghid oltre jiena fil-bar kien hemm l-imputat u mbaghad kif ghidt dahal Michael Farrugia u fil-bar kien hemm ukoll Mikiel maghruf bhala Zraru, kien hemm ukoll Pawlu maghruf bhala ta' Indri, kien hemm wiehed kunjomu Ciantar maghruf bhala l-Mundu. Nghid l-imputat l-ewwel li qal biex johrog 'il barra kien lil Michael Farrugia u ghal dan Michael Farrugia ma qal xejn. Imbaghad lilna li konna prezenti qalilna biex ilkoll nohorgu 'l barra ghax ried jaghlaq il-hanut. Jiena sa kemm kont domt ghadni f' dana l-bar ma rajt l-ebda glied u lanqas smajt kliem ta' glied. Nghid illi bhala tul ta' dan il-hanut dan ghandu tul ta' qisu nofs din l-Awla."

Fl-istess Seduta in kontro ezami l-istess xhud qal:

"Nghid lil Michael Farrugia ili nafu ghal dan l-ahhar tletin sena. Nghid illi l-imputat ili nafu ghomri kollu. Nghid illi ghaldaqstant jiena ma rrid naghmel il-hsara lil hadd. Nghid illi jiena ili ghomri kollu niffrekwenta l-bar tal-imputat. nghid illi l-imputat fil-bar tieghu sa fejn naf jien qatt huwa ma kellu argumenti ma' xi hadd. Nghid hlief ghal dakinhar meta smajt lil imputat jghid lil Michael Farrugia li hemm gew ma ridux u riedu jitlaq 'il barra. Nghid in kwantu ghal Carmelo Seguna maghruf bhala n-Nekus illum mejjet, nghid jiena Carmelo Seguna Nekus kont nafu, dan illum mejjet. Qed nigi mistoqsi jekk kemm -il darba nafx li dana kellu xi jghid xi darba ma' Michael Farrugia nghid jiena kont smajt minghand in-nies illi Michael Farrugia u Carmelo Seguna n-Nekus kellhom xi jghidu bejniethom.

Qed nigi mistoqsi mid-Difiza jekk nafx illi dan Michael Farrugia kien spara ghal fuq Carmelo Seguna maghruf bhala n-Nekus u li fil-fatt kien intlaqat Pulizija nghid illi dan jien ma nafux. Hawnhekk nixtieq nikkoregi ruhi fis-sens illi jista' jkun forsi kont smajt li fl-argument li kien hemm bejn Michael Farrugia u Carmelo Seguna n-Nekus seta' kien hemm xi sparatura. Nghid illi ma neskludiex li n-nies kienu qaluli li seta' kien Michael Farrugi li kien spara. Nghid bhala fatt Michael Farrugia kien ilu snin jigi jiffrekwenta l-hanut tal-imputat. nghid jiena ghalija kien dakinhar tad-9 ta' Novembru 2008 illi kienet l-uniku okkazzjoni li smajt lil imputat jghid lil Michael Farrugia li ma riedux jersaq lejn il-hanut u hu qallu trid titlaq 'il barra.

Nghid bhala stat ta’ fatt lil Michael Farrugia jiena gieli rajtu li jkun xorob erbgha, hamsa jew anki sitta grokkijiet JB Whiskey meta kien ikun fil-hanut ta’ l-imputat. nghid illi jiena gieli rajt ukoll lil Michael Farrugia fil-hanut ta’ Carmel Micallef wara li jkun gie x’imkien iehor u jidher li jkun naqra fis-sakra. Nghid illi mid-data tad-9 ta’ Novembru 2008 sallum lil Michael Farrugia ma kontx rajtu u ghalhekk ma kontx kellimtu. Nghid illi jiena rajt lil Michael Farrugia dalghodu qabel dina il-Qorti, barra din l-Awla u dana fis-sens illi saqsejna lil xulxin kemm konna ha ndumu dalghodu. Qed nigi mistoqsi mid-Difiza jekk nafx illi xahrejn qabel Novembru tal-2008 kien hemm incident iehor bejn l-imputat u Michael Farrugia nghid ma nafx.

Li naf huwa illi qabel, xi xahrejn qabel Novembru 2008 kien hemm incident bejn l-imputat Carmel Micallef u huh Joe Micallef. Qed nigi mistoqsi mid-Difiza jekk jiena nafx illi xahrejn qabel Novembru tal-2008 kien inqala incident gewwa l-Ghassa ta’ Haz-Zebbug fejn fiha Michael Farrugia kien taha daqqa ta’ ponn lil imputat nghid dwar dan l-incident ma nafx bih. Nghid in kwantu ghal incident li semmejt bejn l-imputat u huh Joe nghid jien kont prezenti. Nghid illi f’dan l-incident li sehh xi xahrejn qabel Novembru tas-sena 2008, kont innutajt illi Michael Farrugia kien imbotta lil Joe Micallef liema Joe Micallef jigi hu l-imputat.

Nghid jiena rajt lil Michael Farrugia jimbotta lil Joe Micallef b'idu fuq sider Joe Micallef, ma rajtux jaqbad lil Joe Micallef Michael Micallef minn ghonqu. Nghid illi fil-bar konna qeghdin bhala klijenti konna qeghdin xi erbgha u diga' semmejt min konna u nghid illi kien hemm Carmel Micallef, l-imputat bhala sid il-bar. U ahna konna qeghdin nara il-loghba futbol fuq it-television. Nghid illi nahseb qabel ma Michael Farrugia dahal gewwa l-bar smajt twerzieq ta' tyres u brejkijiet. Nghid illi jiena cert illi hsejjes ta' brejks zgur smajthom qabel ma' Michael Farrugia dahal gewwa l-bar.

In kwantu jekk kienx hemm irrejzjar ta' magna m'hiniex cert. qed jigi ssuggerit lili mid-Difiza li bhala stat ta' fatt meta Michael Farrugia dahal gewwa l-bar dakinhar ta' Novembru tal-2008 b'referenza ghad-data ta' Novembru, nghid li Michael Farrugia ma kienx offrielna drink u mill-ewwel dan dahal u beda jargumenta. Dwar dan nghid, nghid jiena dak li smajt kien illi meta dahal Michael Farrugia qal lil imputat biex jaghmlilna drink u mbaghad smajt lil imputat jghidlu biex ma jidhollux 'l hemm gew. Nghid jiena hekk smajt. Nghid jiena lil Michael Farrugia meta kien gewwa l-hanut fid-data li semmejt smajtu jghajjat.

Nghid illi l-ghajjat li ghajjat Michael Farrugia dak il-hin kien ghajjat ta' argument u ghalhekk issa f'dan l-istadju nixtieq naghmel precisazzjoni dwar dak li diga' xehedt illum fis-sens illi meta l-imputat kien qal lil Michael Farrugia li ma ridux hemm gew u qallu biex jitlaq 'il barra, nghid illi fil-fatt Michael Farrugia meta ntqal hekk huwa beda jghajjat u beda jghajjat b'argument. Nghid meta Michael Farrugia dahal fil-bar fid-data li semmejt ma nafx jekk huwa kienx fi stat ta' sakra jew le pero' nghid lima neskludiex li Michael Farrugia seta' kien fis-sakra dakinhar.

Nghid is-sekwenza tal-affarijiet graw illi l-ewwel Michael Farrugia kif dahal qal lil imputat biex jaghmlilna drink. L-imputat mbaghad qal lil Michael Farrugia biex hu jitlaq 'il barra ghax hu ma ridux hemm gew u mbaghad nghid illi Michael Farrugia qal xi kliem ta' ghajjat. Dak il-hin l-imputat qalilna biex ahna lkoll nohorgu 'l barra. Sa kemm

jiena kont ghadni gol-hanut u hiereg lil Michael Farrugia smajtu li baqa’ jghajjat b’argument. Meta jien imbaghad hrigt barra mill-hanut ma smajt xejn izjed. Nghid meta kont ghadni gewwa l-hanut qabel ma hrigt mill-hanut rajt lil Michael Farrugia jaqbad banketta. Nghid ghaldaqstant u dana ukoll fid-dawl ta’ dak li xehedt qabel illum, nixtieq naghmel precisazzjoni fil-fatt kien hemm argument dakinhar bejn l-imputat u Michael Farrugia. Nghid illi Michael Farrugia qabad il-banketta bl-herra u waqt li kien qieghed jargumenta. U nghid fil-fatt Michael Farrugia gholla b’idejh it-tnejn il-banketta. Nghid jiena meta rajt lil Michael Farrugia bil-banketta f’idu mghollija u kienet f’idejh it-tnejn, jiena rajtu fl-istess post. Ma rajtux miexi biha l-banketta. Nghid jiena li rajt lil Michael Farrugia gholla l-banketta ‘il fuq b’idejh it-tnejn pero’ ma rajtux jimxi bil-banketta. Qed nigi mistoqsi mid-Difiza jekk kemm -il darba jiena rajt lil imputat izomm lil Michael Farrugia milli Michael Farrugia iwaddab il-banketta ghal fuq fejn kien hemm l-armatura tax-xorb nghid jiena dan ma rajtux.

Nghid jiena lil imputat ma rajtux izommu lil Michael Farrugia. Nghid meta Michael Farrugia kien gholla b’idejh it-tnejn il-banketta l-imputat kien diga’ qalilna lin-nies li kien hemm hemm gew biex nohorgu ‘l barra. Nghid illi jiena kont fost minn tal-ewwel li hrigt, anzi nghid li jiena kont l-ewwel wiehed li hrigt mill-bar tal-imputat. Nixtieq nghid li jiena wara li kont tlaqt u mort lejn id-dar xi ghoxrin minuta wara ergajt mort fejn il-hanut u rajt il-bieb tal-hanut kien maghluq. Nghid illi nahseb in-nies qalu li mbaghad wara li ghalaq il-hanut, l-imputat kien mar l-Ghassa.

Nghid illi jiena bhala stat ta’ fatt wara li jiena hrigt ‘il barra mill-hanut rajt li l-imputat tefa’ lil kullhadd ‘il barra mill-hanut. Nghid illi mbaghad dak il-hin l-imputat ghalqu l-bieb tal-hanut. Nixtieq nghid illi wara li l-imputat ghalaq il-bieb tal-hanut, jiena rajt lil imputat jigbed lejn l-ghassa. Nghid illi la l-imputat nahseb li hu ghalaq il-bieb biex imur jaghmel rapport l-ghassa. Nghid illi jiena ma smajtx lil imputat jghid lil Michael Farrugia li hu kien sejjer jirraportah l-ghassa.

Nghid jiena ghalija f'dan l-argument kollu l-imputat ghalija kwiet qaghad. In kwantu ghal Michael Farrugia wara li hareg mill-hanut nahseb li mar lejn id-dar. Nghid jiena lil Michael Farrugia ma rajtux gol-karozza wara li jiena kont hrigt mill-bar. Jiena ma nafx kif Michael Farrugia spicca b'imniehru maqtugh. Qed nigi mistoqsi mid-Difiza jekk bhala stat ta' fatt rajt lil Michael Farrugia bilqeghda fuq is-seat tax-xufier tal-karozza tieghu stess nghid jien ma rajtux. Qed nigi mistoqsi jekk rajtx fuq il-post ta' Michael Farrugia nghid illi le. Hawnhekk nixtieq naghmel precisazzjoni li m'hiniex deciz jekk rajtiex jew le il-karozza. Jista' jkun ukoll li fil-fatt rajt lil Michael Farrugia jistartja l-karozza u jitlaq.

Qed nigi mistoqsi mid-Difiza jekk kemm -il darba rajtx lil xi hadd izomm lil Carmel Micallef hu u sejjer lejn l-Ghassa nghid li ma rajt lil hadd. Nikkonferma u nghid li jien ma rajtx lil hadd izomm lil imputat hu u sejjer lejn l-Ghassa. Nghid jiena biex immur lejn id-dar tieghi nigbed ghal gol-Wied u mhux lejn l-Ghassa. Jiena mort lejn id-dar tieghi bil-van tieghi TATA."

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Raymond Ciantar li fis-Seduta tal-4 ta' Mejju, 2009 qal:

"Nghid illi fid-9 ta' Novembru 2008 jien kont qieghed gewwa s-Central Bar Triq tad-Dawl Zebbug u kont qieghed nara loghba futbol. Konna qeghdin xi sitta jew sebgha qed naraw din il-loghba futbol. Nghid illi fil-half time konna qeghdin niehdu te u konna qeghdin nitkellmu. Nghid hin minnhom dahal Michael maghruf bhala ta' Gazza u hin minnhom dana Michael talab lil sid il-hanut Carmel Micallef li qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla, talbu Whiskey. U nghid illi l-imputat wiegeb lil dan Michael u qallu ma nistax intik u qallu int taf li hawnhekk ma tistax tidhol aktar. Imbaghad Michael beda joffendi lil imputat, beda joffendih bil-familja u mbaghad Michael hebb ghal imputat. Imbaghad hrigna 'l barra u l-imputat ghalaq il-hanut. Nghid meta hrigna 'l barra hrigna kollha f'daqqa inkluz dan Michael. Nghid illi x'hin konna barra, wara li l-imputat kien diga' ghalaq il-hanut, l-imputat kien sejjer l-Ghassa u Michael saq bil-karozza ghal warajh.

Imbaghad jiena ghajjat lil imputat u ghidtlu biex idur 'l isfel halli ma jergghux jiltaqghu flimkien.

Fil-pront rega' lura Michael bil-karozza, hareg mill-karozza u hu u l-imputat spiccaw gew fl-idejn. Nghid illi jiena lil imputat u lil Michael rajthom imbaghad imqabbdin flimkien. Imbaghad ippruvajt inferraqhom u spiccat hekk. Jiena nnutajt illi Michael kellu mniehru bid-demm, fis-sens beda niezel d-demm minn imniehru qisu bhal meta wiehed jinfarag. Jiena mbaghad wara li kont ferraqt lil imputat u lil Michael tlaqt lejn dari. Nixtieq nghid illi meta Michael kien nizel mill-karozza tieghu u mbaghad sehhet il-glieda li ghadni kif iddeskrivejt, naf li kien hemm xi nies ohra fit-triq pero' ma niftakarx min kienu." (Sottolinjar tal-Qorti)

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami qal:

"Nghid illi Karmenu Seguna naf li kien miet, nafu. Kien minn Haz-Zebbug bhali. Qed nigi mistoqsi in kontro Ezami jekk niftakarx dwar l-incident fejn kienu spiccaw jiggieldu dan Karmnu Seguna u dan Michael li semmejt illum, nghid illi ma niftakarx. Qed nigi mistoqsi jekk kemm -il darba f'din il-glieda bejn Karmenu Seguna u dana Michael li semmejt kienx hemm sparatura nghid ma niftakarx. Nixtieq naghmel precisazzjoni fuq dak li xehedt illum illi jiena fil-fatt wara li kont ferraqt lil imputat u lil dan Michael, effettivament ma kontx mort mill-ewwel id-dar tieghi. Li gara kien illi jiena kont wassalt lil imputat l-Ghassa tal-Pulizija, hadtu wkoll il-poliklinika l-Floriana u wara wassaltu daru. Qed nigi mistoqsi mid-Difiza jekk jiena qattx smajt illi dan Michael li semmejt igorr arma fuqu nghid li qatt ma smajtu dan. Qed nerga' nigi mistoqsi l-istess domanda mid-Difiza u nerga' nirrispondi li jiena qatt ma smajt illi dan Michael igorr arma fuqu. Nghid lil dan Michael ili nafu ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena.

Nghid jiena lil dan Michael kont niffrekwentah il-bar tal-imputat u jiena kont ninzel il-bar tal-imputat nhar ta' Hadd. Nghid illi minn dakinhar tal-incident sallum nghid illi dan Michael qatt ma kellimni. Nghid illi jiena rajtu fil-bini tal-Qorti u qalli Bongu. Nghid qabel ma Michael dahal fil-

hanut tal-imputat rigwardanti l-incident li xehedt dwaru llum nghid kien hemm irrejzjar ta' karozza barra l-hanut. Kien hemm ukoll twerzieq ta' brejkijiet. Nixtieq nghid illi l-imputat kien qal lil Michael fil-hanut illi hu kien jaf li mhux suppost resaq 'l hemm ghaliex xi xahar qabel kien hemm incident fejn kienu nvoluti dan Michael u l-imputat.

Niftakar li f'dan l-incident illi kien hemm bejn hu l-imputat u dan Michael, Michael kien qabad lil hu l-imputat minn ghonqu. Nixtieq inzid nghid ukoll illi l-imputat fl-incident li xehedt dwaru jien illum kien qal lil Michael illi Michael kien jaf li hu kellu rapport u li biex 'l hemmhekk ma jersaqlux izjed. Nixtieq nghid illi qabel dan Michael kien dahal fil-bar tal-imputat ahna konna qeghdin ghal kwiet naraw il-futbol. Fil-fatt nghid dakinhar kont sejjer ninzel il-Kazin tal-Banda u ghidt ahjar immur il-Bar tal-imputat ghax hemmhekk ikun hemm iktar kwiet. Nghid illi meta l-imputat kien qal lil dan Michael li hu mhux suppost resaq 'l hemmhekk, Michael kien qabad banketta u gholliha fejn l-armatura tal-Hanut. U nghid dana Michael kien qabad dina l-banketta u ghamel moviment li kien qisu ser iwaddabha ghal armatura tal-hanut tal-imputat li hi armatura tal-hgieg. Nghid illi dak il-hin l-imputat qabad il-banketta minn idejn Michael biex johodielu u rnexxielu johodielu. Inzid nghid ukoll li dak il-hin l-imputat kien qal lil dan Michael li kien sejjer l-Ghassa jirrapurtah. Nikkonferma li mbaghad l-imputat kien qal lil kulhadd li konna qeghdin hemm gew biex nohorgu 'l barra ghax kien ser jaghlaq il-hanut. Nikkonferma li fil-fatt hareg kulhadd u l-imputat ghalaq il-bieb. Nghid fil-hin li dana Michael hareg mill-bar u l-imputat kien ghalaq il-bieb tal-bar tieghi, ma jidhirliex li dan Michael kellu demm fuq wiccu.

Nghid fil-perjodu li dan Michael kien gewwa l-bar dakinhar, bhala glied bejn l-imputat u Michael ma kienx hemm apparti ovvjament dak li semmejt rigwardanti l-banketta. Nghid meta wiehed johrog mill-bar tal-imputat biex imur l-Ghassa irid idur lejn ix-xellug. Nghid illi l-imputat wara li kien hareg mill-hanut gibed il-pass lejn l-Ghassa. Nghid imbaghad Michael rikeb fil-karozza u saq ghal wara l-imputat. Jien kont f'pozizzjoni nara dan li kien qed jigri. Nghid meta l-imputata kien qisu distanza ta'

erbghin metru boghod  mill-bieb tal-bar tieghu, u jiena rajt ukoll li dan Michael saq ghal warajh, jiena ghajjat lil Karmenu Micallef l-imputat biex dana jigi lura halli ma jergghux jilqtaqghu. Dan fil-fatt hekk ghamel gie lura hdejja u nghid illi mbaghad Michael irriversja u gie hdejna.

Meta mbaghad gie hdejna dan Michael hareg mill-karozza. Nixtieq nghid illi kif Michael nizel mill-Karozza huwa imbotta lil imputat ghal fuq karozza li kienet ipparkjata. U nghid illi dana Michael imbotta lil imputat ghal fuq karozza b'tisbita. U mbaghad nghid it-tnejn li huma, cioe' Michael u l-imputat bdew ixejru u qabdu f'xulxin. Nixtieq nghid illi minn mindu dana Michael dahal fil-bar tal-imputat fl-okkazzjoni li semmejt mill-bidu nett dana deher illi kien imlahlah bl-alcohol." (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Manuel Agius li fis-Seduta tal-4 ta' Mejju, 2009, qal:

"Nghid illi fid-9 ta' Novembru 2008 ghal habta ta' xi 3pm gewwa s-Central Bar Triq tad-Dawl Zebbug jien kont qieghed f'dan il-bar. Kont qieghed niehdu Cafe. Nghid hin minnhom dahal dana Mikiel maghruf bhala ta' Gazza. Dana staqsiena ridniex drink. Nghid imbaghad Karmenu li qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla qalilna ejja ha naghlqu. Jiena kif imbaghad l-imputat qalilna ejja ha naghlqu, qbadt u tlaq 'il barra mill-ewwel. Nghid meta dan Michael dahal fil-hanut tal-imputat huwa kien qal xi haga lil imputat pero' insejt x'qallu. X'hin l-imputat qalilna ejja ha naghlqu, jiena flimkien ma' Pawlu Zammit hrigna u jiena mort il-Klabb tal-futbol biex niehu te'. Jiena mbaghad meta hrigt 'il barra mill-bar ma rajt xejn, ghax jiena qbadt it-triq u tlaqt 'il fuq. Wara li hrigna mill-hanut konna jiena u Pawlu Zammit. Nixtieq nghid illi meta dana Michael dahal fil-hanut lilna li konna qeghdin hemm gew saqsiena jekk ridniex niehdu drink u mbaghad naf li dana Michael resaq lejn l-imputat u qallu xi haga. Imbaghad l-imputat qalilna ejja ha naghlqu." (Sottolinjar tal-Qorti)

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami qal:

“Nghid kemm l-imputat kif ukoll dan Mikiel ili nafhom snin twal, huma hbieb tieghi t-tnejn. U jien la nixtieq naghmel hsara lil wiehed u lanqas lil iehor. Nghid li l-imputat il-bar daqqa jaghlqu fid-disgha ta’ filghaxija u daqqa jaghlqu fl-ghaxra ta’ filghaxija. Nghid illi dakinhar l-imputat ghalaq il-hanut fit-3:30pm waqt li kien hemm il-loghba fuq it-television. Hawn nixtieq naghmel precisazzjoni pero’, jien qieghed nghid li huwa ghalaq fit-3:30pm dakinhar ghaliex hu qalilna biex nohorgu ghaliex kien ser jaghlaq. Nghid jiena ma rajtux lilu l-hanut jaghlqu ghax jiena tlaqt ‘il fuq. Nikkonferma li fit-3:30 ta’ wara nofsinhar dakinhar l-imputat qalilna biex nohorgu ‘l barra ghax kien ser jaghlaq. Nghid qabel ma dana Michael dahal fil-bar tal-imputat minn barra instema’ rejzjar ta’ karozza. Nghid ukoll instema twerzieq tar-roti. Smajt illi xi jiem qabel din l-okkazzjoni li semmejt kien hemm incident bejn dan Michael u hu l-imputat. Jiena wkoll smajt illi xi jien qabel kien hemm ukoll incident gewwa l-Ghassa bejn l-imputat u dan Michael.

Nghid meta kont ghadni fil-bar jien dakinhar li semmejt kont innutajt li Michael kien qabad banketta mill-bar u gholliha qisu sa xi daqs zaqqu. Qed nigi mistoqsi mid-Difiza jekk kemm -il darba jiena smajt lil Michael jghid kliem fil-konfront tal-imputat li kien kliem ingurjuz rigwardanti l-familja tal-imputat nghid dwar dan jien ma smajtx dan il-kliem. Jiena ma nafx ghaliex Michael refa’ l-banketta. Nghid jiena ma rajtx lil imputat jiehu l-banketta minn idejn Michael. Nghid jiena fil-fatt kont imlebleb biex nitlaq ‘il barra mill-bar. Nixtieq nghid li jiena kont rajt lil Michael il-banketta li gholla jerga’ jnizzilha mal-art. Nghid dak il-hin illi Michael gholla l-banketta hu kien qieghed xi tliet piedi ‘l boghod mill- armatura tal-hgieg. Jiena kif l-imputat qalilna ejjew ha naghlaq jiena qbadt u tlaqt ‘il barra.” (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni tal-Professur Francis X. Darmanin M.D. li fis-Seduta tat-23 ta' Lulju, 2010 qal:

"Nixtieq nghid li in kwantu Michael Farrugia karta t'identita' numru 221952(M) jiena dana kont rajtu fit-12 ta'

Novembru, 2008. Jiena rajtu fil-Plastic Surgery department ta' Mater Dei Hospital meta dan kien intbghat mid-dipartiment tal-emergenza. Dana kellu ferita gravi fuq wiccu fejn parti sostanzjali tal-imnieher kien nieqes. Irrid nghid li mbaghad lil dan il-pazjent sarulu zewg interventi. L-ewwel intervent sar fit-18 ta' Novembru, 2008 u t-tieni intervent sar fis-16 ta' Dicembru, 2008. Ahna li ghamilna f'dawn l-interventi kienet ir-rikostruzzjoni tal-imnieher fejn ahna hadna parti mill-gilda tal-mohh biex nizzilniha l-isfel ghal fuq l-imnieher biex inkunu nistghu nirrikostruwixxu l-imnieher. Imbaghad nghid li fit-tieni intervent tas-16 ta' Dicembru, 2008 nixtieq nispjega li l-interventi li semmejt kien hemm htiega li jsiru zewg interventi, fit-tieni intervent ahna isseparajna il-bridge. Nghid illi n-natura tal-griehi sofferti mill-imsemmi pazjent hija wahda ta' natura gravi, filfatt dan il-pazjent ghandu wiccu sfigurat b'mod permanenti."

Hawn il-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ Carmel Micallef li fis-Seduta tal-11 ta’ April, 2011 qal:

“Nghid jiena lil Michael Farrugia nafu u ilni nafu ghoxrin (20) sena. Nghid jiena nghndi il-gestjoni ta’ hanut tat-te’ gewwa Zebbug, Malta, jien ilni f’dan il-hanut ghal dawn l-ahhar erbghin (40) sena. Nghid dana Michael Farrugia gie li gie fil-hanut tieghi. Nghid li jiena qatt ma kelli problemi ma dana Michael Farrugia pero’ dan dejjem jigi bil-problemi gewwa l-hanut tieghi, dan kien ikun irid jaghmel ghalija ghalxejn, fil-fatt il-problemi kienu li dana kien jigi l-hanut tieghi biex huwa jaghmel ghalija. F’dawn l-okkazjonijit li kien jigi biex jaghmel ghalija dan kien gie li jigi xurban. Qabel l-incident mertu ta’ din il-kawza kien hemm incident li fih kien involut dan Michael Farrugia flimkien ma hija Joe, dan barra l-hanut tieghi filghodu. Dan kien madwar xahar qabel l-incident mertu ta’ din il-kawza li sehh dan l-incident li qed nirreferi ghalih bejn Michael Farrugia u hija. Nghid illi kwantu ghall-incident li Michael kellu ma hija dana filghoud kien waqqa il-mutur ta’ hija ma l-art, imbaghad ghal xi tlieta (3:00) ta’ wara nofs inhar ta’ dak inhar stess dan Michael gie l-hanut jaghmel ghalija. Nghid f’din l-okkazjoni dan kien gie talabni drink, nghid li dana gie bis-salt qalli: “Trid tghid xi haga?” u jiena ghidtlu

"Tidhollix hawn izjed, dejjem bil-problemi". Jiena mort l-Ghassa ta' Haz Zebbug u hemm hekk ghamilt rapport lill-Pulizija. jiena ma nafx li dak inhar Michael Farrugia kien ghamel xi rapport kontrija, nghid li meta mort naghmel ir-rapport gewwa l-ghassa Michael Farrugia lili hebb ghalija u tani daqqa ta' ponn gewwa l-Ghassa. Dan l-incident sehh xi xahar qabel l-incident mertu ta' din il-kawza. Nghid li fil-frattemp bejn dan l-incident u l-incident mertu ta' din il-kawza Michael Farrugia ma kienx dahal gewwa l-hanut tieghi pero' nghid kien xorta baqa' jipprovokani billi jigi bil-karozza tieghu u jipparkja b'mod illi jaghlaqli l-bieb tal-hanut. Nghid illi l-incident mertu ta' din il-kawza kien sehh il-Hadd, nghid li jiena fil-Hdud niftah ghan-nies. Nghid li kienu ghal xi l-habta ta' l-erbgha (4:00) ta' wara nofs inhar li Michael Farrugia gie go l-hanut tieghi, nghid dak il-hin jiena u kien hemm xi nies ohra konna qeghdin naraw loghba tal-football fuq television, nghid ma kienx hemm storbju dak il-hin fil-bar, li konna qeghdin naghmlu konna qed naraw il-loghba. Nixtieq nghid qabel ma Michael Farrugia dahal go l-hanut smajt twerzieq ta' roti ta' karozza quddiem il-hanut tieghi, nixtieq nghid ukoll li kien hemm ukoll irrejzjar tal-karozza, nghid imbaghad Michael Farrugia dahal go l-hanut, fil-hin li dahal in-nies kienu qeghdin jaraw il-loghoba. Nghid li dan imbaghad Michael Farrugia ndirizza lin-nies li kien hemm go l-hantu u qal jekk kienx hemm xi hadd li kien sejjer jaqbez ghalija. Jiena tal-fehma li dak il-hin Michael Farrugia kien fis-sakra. Dana mbaghad qabad banketta u kien ser iwaddaba, se jitfaghha ghal go l-armatura. Nghid li din l-armatura tal-bar tikkonsisti f'mera kbira u fliexken tax-xorb. Nghid li dan Michael Farrugia l-banketta kien qabada minn saqajja u ghollija, huwa mbaghad ghamel mossa li dina l-banketta kien sejjer iwaddaba lejn id-direzzjoni ta' l-armatura, nghid li din hija banketta ta' l-injam. Nghid li din hija banketta ta' l-injam antika li persuna toqghod bilqieghda fuqha. Nghid jiena dak il-hin mort fuq Michael Farrugia, hadtlu l-banketta u ghidtlu biex il-banketta jhalliha hemm hekk. Nghid li jiena fl-ebda hin ma kellimtu hazin, heddittu jew hebbejt ghalih u ghidtlu "Ohrogli minn hawn ha mmur l-ghassa".
Wara li jiena kont hadtlu l-banketta lili Micahel Farrugia kellimni hazin, nghid illi dana Michael Farrugia offenda lili

u lil hija ta' xejn, nghid li lili qalli li lili kien jitfani taht il-kaptelli. Jiena lilu, lil Michael Farrugia ghidtlu biex hemm gew ma jidhollix izjed. Jiena mbagahd kont hrigt lin-nies kollha l-barra, nghid jiena normalment fil-Hdud naghlaq f'xi d-disgha (9:00), d-disgha u nofs (9:30) jew l-ghaxra (10:00) ta' filghaxija. Nghid il-hin li ghalaqt dak inhar kienu ghal xi l-habta ta' l-erbgha (4:00) ta' wara nofs inhar. Nghid illi n-nies hargu mill-hanut, jien ghalaqt il-hantu u hareg ukoll Michael Farrugia, nghid meta wiehed johrog mill-hanut tieghi u jkun qieghed ihares il-barra l-Ghassa qieghda fid-direzzjoni tan-nahha tax-xellug. X'hin jiena ghalaqt il-hanut u Michael Farrugia kien qieghed barra l-hanut huwa dahal go l-karozza tieghu. Nghid illi l-vettura ta' Michael Farrugia bhala stat li kienet ipparkjata kienet qieghda dak il-hin li jiena hrigt mill-hanut fid-direzzjoni opposta ta' dik li taghti ghad-direzzjoni ta' l-Ghassa, nghid pero' mbaghad meta dahal fil-karozza Michael Farrugia dawwar il-vettura tieghu fid-direzzjoni lejn in-nahha ta' l-Ghassa. Nghid jiena mbaghad bdejt miexi fuq i-bankina fid-direzzjoni ta' l-Ghassa u hawn nixtieq nippreciza li fil-fatt kien hemm Raymond Ciantar li kien qieghed jakkumpanjani.
Nghid bhala distanza ta' bejn il-hanut tieghi u l-Ghassa hemm distanza ta' mill-Qorti sa hdejn Cordina. Ahna u mexjin lejn l-Ghassa nnutajt li Michael Farrugia kien gej bil-karozza tieghu lejn id-direzzjoni fejn kont sejjer jien, huwa kien gej minn warajja. Nghid jiena fil-fatt waqaft u nghid li Michael Farrugia pprova jidhol bil-karozza tieghu ghal go fija, dak il-hin jiena kont miexi taht il-bankina u jiena kif rajtu dan gej ghal fuqi tlajt fuq il-bankina, nghid ghamilt hekk ghaliex Michael Farrugia kien gej bil-karozza ghal go fija. Dak il-hin li jiena mbaghad tlajt fuq il-bankina Michael Farrugia hareg mill-karozza tieghu u nizel ghalija. Dak il-hin Michael Farrugia lili mbuttani ghal fuq karozza huwa beda jghatini bil-ponn kullimkien u jiena bdejt nilqa' b'idejja. Jiena qlajt daqqiet gewwa wicci. Qieghed nesebixxi hames (5) ritratti bil-kulur li qeghdin rispettivament jigu mmarkati bhala Dok. CMZ1 sa Dok. CMZ5, dawna juru l-griehi li jiena sofrejt f'din l-agressjoni. Nghid lili wkoll Michael Farrugia f'din l-agressjoni kien qattali l-flokk li kelli. Qeighed nesebixxi flokk blu li kont liebes dak inhar u li qattali Michael Farrugia f'din l-

agressjoni, dana qed jigi esebit bhala Dok. CMZ 6. Nghid li kien wkoll tani daqqa fuq in-nahha tal-lemin ta' sidri, l-maggior parti tad-daqqiet kollha kienu gewwa wicci. Dwar allegati griehi f'imnieher Michael Farrugia dwar dan ma naf xejn, pero' nghid li jiena rajt lil dan Michael Farrugia li kellu demm go wiccu, jiena ma neskludix li dawn il-griehi li kellu f'wiccu Michael Farrugia gew ikkagunati waqt din il-glieda, pero' nghid li jiena ma tajtu l-ebda daqqiet lil dan Michael Farrugia. Konsegwentement nghid illi jiena kif dana Michael Farriga sofra griehi waqt dan l-incident ma nafx kif dan spicca biex sofra dawn il-griehi. Nghid illi jiena kont qieghed naqla daqqiet ghal xejn b'xejn u jiean kont qieghed nibza waqt li kont qed nigi agredid, jiena f'hajti qatt ma kont involut f'tip ta' incidenti simili ghal dak li kont qieghed nigi agredit.
Nghid gie li meta Michael Farrugia kien ikun gewwa l-hantu tieghu jaqalu revolver minn gol-but, ngid pero' dak inhar ta' l-agressjoni mertu ta' din il-akwza ma rajtlux li kellu revolver fuqu dan Michael Farrugia. Nghid li l-habib tieghi Raymond Ciantar waqt li jiena kont qed nigi agredit gie iferraqna. Jiena mbaghad mort nigri lejn l-Ghassa u sibt l-Ghassa maghluqa mbaghad Raymond Ciantar offrieli li jwassalni sa l-Ghassa ta' Hal Qormi. Huwa wassalni l-Ghassa ta' Hal Qormi u wara li mort l-ghassa ta' Hal Qormi mort ukoll il-Poliklinika tal-Floriana." (Sottolinjar tal-Qorti)

Carmel Micallef fl-istess Seduta in kontro ezami qal:

"Nghid jiena darba ghamilt rapport kontra Michael Farrugia, nghid non ho stante l-fatt illi huwa dan Michael Farrugia dahal go l-hanut tieghi diversi drabi biez jaghmel ghalija darba kienet l-okkazjoni li ghamiltlu rapport. Nixtieq nghid illi precidentament ghall-okkazjoni ta' l-incident mertu ta' din il-kawza kien hemm okkazjoni ohra fejn jiena lil-Michael Farrugia ghidltu li jiena rrid nkeccih il-barra. Dwar l-incident li semmejt aktar qabel fid-depozizzjoni tieghi llum fejn Michael Farrugia lili kien tani daqqa ta' ponn gewwa l-Ghassa tal-Pulizija nghid li dwar dak l-incident ma konniex ersaqna l-Qorti, nghid fil-fatt meta kien sehh dan l-incident gewwa l-Ghassa l-Pulizija lili kien tefani l-barra mill-Ghassa minkejja l-fatt li kont ghidtlu li

ridt inkellem lill-Ispettur. Nixtieq nghid li dak inhar ta' l-incident meta Michael Farrugia kien dahal gewwa l-hanut, l-ewwel offfenda lin-nies kollha prezenti u mbaghad qal il-kliem "Hawn xi bully" jaqbez ghalija u mbaghad offra lin-nies prezenti drink. Nikkonferma li lili Michael Farrugia qalli biex naghmel drink lil kullhadd.
Nghid li jiena ma ridt naghmel drink lill-hadd u li ridt huwa li naghlaq il-hanut. Nixtieq nghid li meta Michael Farrugia kien offenda lin-nies meta dahal jiena kont ghidtlu biex jitlaq il-barra. Qed jigi suggerit lili li jiena dak il-hin li jiena kont ghidt lil Michael Farrugia biex jitlaq il-barra jiena agridejt lil Michael Farrugia u gdimtlu mniehru, jiena dan nichdu. Qed jigi suggerit lili jiena fil-fatt konsegwenza tal-fatt li jiena agridejt lil Michael Farrugia u gdimtlu mniehru kien ghalhekk illi Michael Farrugia qabad il-banketta ghalija, dana nghid li mhux minnu. Nghid illi fil-hin li Michael Farrugia hareg mill-bar tieghi dak inhar ta' l-incident demm ma wiccu ma kellux, nghid illi meta konna fil-hanut tieghi Michael Farrugia lili ma kienx tani daqqiet. Nghid jien l-ewwel darba li rajt lil Michael Farrugia bid-demm fuq wiccu kien meta kont sejjer lejn l-Ghassa, nghid jien kelli d-demm go wicci u Michael Farrugia kellu d-demm go wiccu. Nghid li jiena x'hin indunajt li Michael Farrugia kellu d-demm ma wiccu huwa kien diga beja jaghtini. Nghid jiena kont innutajt li originaljament Michael Farrugia bil-karozza tieghu kien sejjer lejn id-dar tieghu l-isfel, pero' mbaghad meta rani li jiena kont sejjer l-Ghassa huwa dar fid-dirizzjoni ta' fejn kont sejjer jien. Qed nigi mistoqsi l-ghala d-dokument li esibejt illum bhala Dok. CMZ 6 konsistenti fi flokk jiena lill-pulizija ma kont urejtulhom jew ghaddejtulhom nghid ghaliex il-pulizija ma qaluli xejn fuqu u ma kienux talbuwuli."

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Dr. Miriam Farrugia li fis-Seduta tal-15 ta' Gunju, 2011, qalet:

"Nghid illi fid-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) jiena kont ezaminajt lil Carmel Micallef karta ta' l-identita numru 798752M, rajt gewwa l-Floriana Health Centre u dana fil-hamsa u nofs (5:30) ta' filghaxija. Nghid jiena lil dan il-pazjent sibtu jbati fuq rigwardanti tliet abrosjonijiet fuq il-haddjen u fuq il-mohh u ferita ta' wiehed

(1) centimetru fuq l-imnieher laham imtajjar. Nghid illi n-natura tal-griehi jiena kklassifikajthom bhala hfief per natura. Qiegheda nesebixxi certifikat mediku minni rilaxxat rigwardanti dana l-pazjent li qieghed jigi esebit u mmarkat bhala Dok. MFM1. Jiena nghid illi jiena meta ghiet laham imtajjar ifisser illi l-gilda ta' fuq kienet imqaxxra pero' din ma kienext xi haga mwahhla. . . . tal-griehi soffert mill-pazjent mill-pazjent li ghadni kemm ghamilt referenza dwaru huma iktar kompatibli ma xi haga li tkun ghaddiet bi zbrixx mal-gilda tal-persuna u ma nikkunsidrax illi kienu feriti kkagunati b'xi haga bil-ponta. Nghid illi qieghda nigi mistoqsija jekk jistax ikun illi daqqa ta' ponn tkun kompatibli ma dawn il-feriti nghid jista jkun." (Sottolinjar tal-Qorti)

Il-Qorti issa sejra taghmel is-segwenti referenza ghall-brani mis-Sentenza moghtija fit-tnax (12) ta’ Gunju, elfejn u tnax (2012) fl-ismijiet ‘Il-Pulizija Spettur Daniel Zammit vs Ivan Bajada’ per Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LLD. liema brani huma relevanti ghall-kaz odiern:

“ “Kif inhu ben saput il-gustifikazzjoni ghal legittima difeza tirrizulta meta persuna tilqa’ b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil- legittima difesa trid tkun intlahqet sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggessur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkrejata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti. Fil-fatt l-**Artikolu 233 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad- difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor."*

Dan il-kliem huwa car hafna fih nnifsu. **L-Artikolu 224 tal-istess Kap 9** jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.

Jigi rilevat minnufih li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwentement naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Micallef**' (Vol. XXXIV pg. 1072) intqal li:

*"Id-disposizzjoni tal-ligi li tiskuza lil min jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-proprjeta tal-ferritur, tirrikjedi li lazzjoni, biex ikun skuzabbli, ghandha tizvolgi ruhha dak ilmument stess li tkun qed tigi nvaza l-proprjeta u in difesa attwali taghha."*

F'sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione** nhar s-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar, 1948 (Riv. Pen.1948 pg. 213) gie ritenut li:

*"Per la legittima difesa non occorre che sia in atto la violenza; basta il pericolo. E' sufficiente il gustificato timore di un offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur."*

Il-ligi taghna pero' timponi certi kundizzjonijiet biex din leccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-thedded ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil- hajja, fil-gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti kaz biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima.

Il-periklu jrid wkoll ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u

sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw, u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (l-imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt il-**Professur Mamo fin-Noti tieghu** tal-ligi penali jghid:

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

Fil-fatt, fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Psaila**' jinghad li:

"*Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l- eccezzjoni tigi milqugha. Cio'e t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il- hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe li f'dak ilmument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.*"

"..........................................................................................
................................."

"Il-Qorti taghmel referenza ghal Gurista Taljan **Giuseppe Maggione** ghal ktieb tieghu **Principio di diritto Penale** Vol 1 pg 183 fejn jghid:

*“l’aggredito e’ tenuto a fuggire non gia perche non puo imparsi la vigliaccheria, ma perche’ e’ suo dovere lottare per il diritto a reagire al delitto.”* ”

Il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti u konfortata bil-gurisprudenza u l-awturi citati f’din is-Sentenza jemergi kaz klassiku ta’ legittima difesa. Difatti jirrizulta ampjament ippruvat li kien il-parte civile Michael Farrugia li kien l-aggressur. F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza senjatament ghall-Istqarrija tal-imputat riportata f’din is-Sentenza kif ukoll ghad-deposizzjoni tal-imputat Carmel Micallef (Seduta tal-11 ta’ April, 2011).

Illi mill-provi prodotti (Ara, inter alia, deposizzjoni ta’ Raymond Ciantar - Seduta tal-4 ta’ Mejju, 2009, Stqarrija u Deposizzjoni tal-imputat Carmel Micallef - Seduta tal-11 ta’ April, 2011) jemergu cirkostanzi li zvilluppaw f’hakka t’ghajn b’mod tali li kkrejaw f’mohh l-imputat Carmel Micallef paniku u biza’ li wassal ghall-istat mentali tal-imputat li hu kellu jiddefendi lilu nnifsu. Indubbjament fil-kaz de quo l-perikolu attwali gie kkrejat mill-parte civile Michael Farrugia. L-imputat li ghamel kien li ddefenda ruhu minn aggressjoni serja. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda takkolji l-linja difensjonali ta’ leggittima difesa.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tikkonkludi li l-agir tal-imputat Carmel Micallef fil-konfront tal-parte civile Michael Farrugia li wassal ghall-kagunar ta’ ferita gravi fuq l-imsemmi parte civile, tali agir tal-imputat sar in legittima difesa u ghaldaqstant ma ssibux hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u minnha tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------